# Tribunal Industrijali

## Deċiżjoni Nru: 2629

**Każ Nru: 3528/ET**

**Fil-Kwistjoni tax-xogħol**

**bejn**

**Simon Peter Zammit**

**u**

**Alex Vella**

Illum : 21 ta' Novembru, 2019

*dwar : tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

***Chairman*: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt**

**Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal-każ:**

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Dr.Leontine Calleja fit-2 ta' Frar, 2017 f'isem ir-rikorrent. Ir-rikorrent iddikjara li kien ġie impjegat bħala *'kitchen helper'* fuq bażi *full-time* fl-4 ta' Frar, 2014, iżda kien jaħdem fuq bażi ta' *reduced hours* li kienu jammontaw għal tletin (30) siegħa fil-ġimgħa.

Illi l-intimat ittermina l-impjieg tar-rikorrent nhar l-4 ta' Novembru, 2016, abbażi ta' tkeċċija fuq raġunijiet dixxiplinarji.

Iżda r-rikorrent ma kienx ġie mkeċċi fuq raġunijiet dixxiplinarji kif se jirriżulta mill-provi u għaldaqstant it-tkeċċija kienet waħda nġusta u kontra l-Liġi.

Illi r-rikorrent qatt ma tħallas tal-*leave*, *sick leave* jew *bonuses* kemm dam impjegat u dan kollu dovut lilu.

Għaldaqstant ir-rikorrent qed jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jiddeċiedi li t-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet inġusta u li jingħata l-provvidementi kollha opportuni nkluż ħlasijiet kollha dovuti u kumpens xieraq għal tkeċċija nġusta.

Min naħa tiegħu s-Sur Alex Vella, l-intimat, permezz tal-Avukat tiegħu Dr. Ian Spiteri Bailey irrisponda r-rikors u ddikjara kif ġej:

Illi t-talbiet tar-rikkorent huma nfondati u legalment insostenibbli.

Illi r-rikkorent abbanduna l-impjieg u kien għal żball ġenwin li ġie ddikjarat 'tkeċċija għal raġunijiet dixxiplinari'.

Illi r-rikorrent dan kien jafu tajjeb peress li fit-3 ta' Jannar, 2017, diġa kienet saret dikjarazzjoni ma' l-Awtorita' Nazzjonali tax-xogħol.

Illi bla dubju ir-rikorrent qiegħed biss jipprova jabbuża mill-proċeduri iżda t-Tribunal se jagħraf jiċħad it-talbiet tiegħu.

Is-sur Alex Vella, jiġġestixxi l-*canteen* tal-Malta Freeport u fl-1 ta' Frar, 2014 impjega lir-rikorrent. Kien jaħdem sitt (6) siegħat kuljum, tletin (30) siegħa fil-ġimgħa. Il-paga kienet titħallas kull ġimgħa, nhar ta' Ġimgħa.

Għal raġunijiet amministrattivi il-Ġimgħa 4 ta' Novembru, 2016 il-ħaddiema kollha ġew infurmati li l-paga ser tibda titħallas kull nhar ta' Tnejn minflok il-Ġimgħa.

Ir-rikorrent kif ġie mgħarraf b'dan għal ħabta ta' l-ghaxra ta' filgħodu nhar il-Ġimgħa 4 ta' Novembru 2016, beda jirrabja u jgħolli leħnu u jgħid li ma kienx aċċettabbli għalih. Ġie spjegat lilu mis-Sur Alex Vella li xorta l-paga se tibqa tingħata kull ġimgħa imma nhar ta' Tnejn u li l-bidla saret lil kulħadd.

F'dak il-mument ir-rikorrent poġġa ċ-ċwievet tal-ħanut fuq il-bank tal-*canteen* u b'rabja qal 'la ma tawniex illum il-paga nhar ta' Ġimgħa, jien tlaqt!'

Dan kien fl-ghaxra ta' filgħodu meta l-ġurnata tax-xogħol tiegħu tispiċċa fis-saghtejn ta' wara nofsinhar.

Is-Sur Alex Vella u l-mara tiegħu, li kienet preżenti flimkien ma' ommha Rita Pace, kellhom jieħdu *over* u jkomplu bix-xogħol. Ftit wara r-rikorrent bagħat *SMS* lil mara ta' Vella u qallha li ġej bit-*termination form* għal firma ta' Alex Vella kif irid hu (ir-rikorrent) biex ikun jista jieħu l-benefiċċji u jirreġistra. Fil-fatt ir-rikorrent ma marx, u lanqas ma tfaċċa it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa ta' wara. Alex Vella irraġuna li dan żamm kelmtu bl-għan li telaq mill-impjieg.

Is-Sur Vella informa lil Caroline Xuereb mid-Dipartiment ta' l-*Accounts* u qalla biex tipprepara it-*termination form* tar-rikorrent datata 4 ta' Novembru, 2016, u li ma tikteb xejn li bih ikun jista' jabbuża mil-benefiċċji soċjali. Fid-9 ta' Novembru 2016, is-Sur Alex Vella mar hu stess bit-*termination form* l-ETC biex jirreġistraha. Alex Vella ma ndunax li Caroline Xuereb indikat li '*dismissed on disciplinary grounds*' u appena Alex Vella nduna, meta sar il-proċess quddiem l-Awtorita' Nazzjonali tax-Xogħol talab lil Caroline Xuereb tikkoreġi dan il-fatt u dan sar fit-3 ta' Jannar 2017. Xahar wara r-rikorrent beda dawn il-proċeduri. Is-Sur Alex Vella tenna li dan kollu sewwa u li r-rikorrent jafu iżda beda proċeduri bbażati fuq żball ġenwien li ġie kkoreġut minnufih qabel ma bdew il-proċeduri. Illi r-rikorrent mhux tkeċċa iżda telaq u hu baqa' ma tfaċċax fil-jiem ta' wara l-4 ta' Novembru 2016. Is-Sur Alex Vella finalment iddikjara li ma kellux alternattiva għajr li jintermina l-impjieg u reġa sostna l-iżball ġenwien tar-raġuni kif spjegat fuq.

**<u>Provi</u>**

F'dawn il-proċeduri xehdu: Alex Vella, Louise Vella (mart Alex Vella), Rita Pace (omm Louise Vella), Caroline Xuereb-Premier International Associates, Mariella Caruana (DIER), Denise Cutajar Busietta (DIER) u r-rikorrent. Ġew esebiti wkoll xi dokumenti.

**<u>Kunsiderazzjonijiet u Deċiżjoni</u>**

Dan it-Tribunal għandu biex jikkonsidra jekk is-Sur Alex Vella kienx ġust li ttermina l-impjieg tar-rikorrent.

F'dan il-każ it-Tribunal innota nuqqasijiet serji minn naħa ta' min iħaddem fil-konfront tar-rikorrent.

Ma kienx hemm kuntratt tax-xogħol, ir-rikorrent ma kellux dritt għas-*sick leave*, *vacation leave*, *bonuses* statutorji u żidiet ta' l-għoli tal-ħajja. Kien jingħata €140 cash fil-ġimgħa u skond l-*employer* din il-paga kienet tagħmel tajjeb għal dak kollu li r-rikorrent kien intitolat għalih. Ir-rikorrent kien jitħallas cash kull nhar ta' Ġimgħa bl-ebda dokument ta' records.

Ir-rikorrent għamel rapport id-DIER rigward il-kundizzjonijiet tiegħu. Marru l-inspectors fuq ix-xogħol fejn ikkonfermaw in-nuqqasijiet bħal ma kkonfermat is-Sinjura Mariella Agius mid-DIER fix-xhieda li qalet li d-dipartiment ta raġuni lir-rikorrent. Dawn fetħu kawza kriminali iżda sar settlement ta' €1500. It-Tribunal innota li s-Sur Alex Vella ma kkopera xejn mad-DIER anzi injorhom u l-attitudni tiegħu mar-rikorrent fuq ix-xogħol inbidel hekk kif ir-rikorrent irrikorra għad-drittijiet tiegħu mad-DIER.

L-impjieg ġie tterminat meta s-Sur Alex Vella avża lir-rikorrent li l-paga kienet se tibda tingħata kull nhar ta' Tnejn flok kull nhar ta' Ġimgħa. Ir-rikorrent oġġezzjona u s-Sur Alex Vella qallu mela tista' titlaq. Ir-rikorrent fix-xhieda qal li s-Sur Alex Vella qallu wkoll li ser inaqqaslu l-paga. Min naħa tiegħu s-Sur Alex Vella qal ma keċċiehx.

Ir-rikorrent bagħat messaġi lis-Sinjura Louise Vella, mart is-Sur Vella, biex ilestulu t-*termination form* ħalli jkun jista jirreġistra. Fix-xhieda, ir-rikkorent qal li s-Sinjura Louise Vella rrispondietu biex ma jersaqx lejn ix-xogħol. It-*termination form* kienet turi tkeċċija fuq *disciplinary grounds,* iżda skond s-Sur Alex Vella dan kien żball.

It-Tribunal qed jiddeċidi li t-terminazzjoni mill-impjieg kienet kawża tan-nuqqasijiet inkluż dawk regolatorji tas-Sur Alex Vella, kif ukoll dawk professjonali li jirrigwardjaw kull tip ta' problema, argument jew dixxiplina fuq il-post tax-xogħol inkluż proċeduri stabbiliti fil-Liġi. Allahares fuq argument jitkeccew in-nies. Hemm lok ta' proceduri dixxiplinarji u/jew rapporti, etc li hafna drabi

problemi simili bhal dawk ta' dan il-kaz jigu solvuti minghajr tkeccija . It-Tribunal hekk jidhirlu.

It-Tribunal jawgura li s-Sur Alex Vella jitgħallem min din id-deċiżjoni u għaldaqstant jagħraf jibdel mill-qieh u jimxi skont il-Liġi fl-impjieg ta' ħaddiema u kif jibża għalihom għal ġid taż-żewġ partijiet.

It-Tribunal għaldaqstant qed jikkonferma terminazzjoni ta' mpjieg inġusta u li hemm lok li jingħata kumpens. Il-kumpens qed jiġi stabbilit fl-ammont ta' ħames t'elef u mitejn Ewro (€5,200) liema kumpens għandu jitħallas mis-Sur Alex Vella lir-rikorrent fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Għal finijiet tal-kapitlu 452 tal-liġijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jiġu ffisati fl-ammont ta' €93.17.

B' hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**Iffirmat : Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt**

***Chairman***

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja